



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 1801/2009, ippreżentata minn Vitaliano Caimi, ta' nazzjonalità Taljana, f'isem il-kampanja ‘Stima Ambjentali Strateġika għal Busto Arsizio’, dwar sħarriġ tal-impatt ambjentali

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant joġġezzjona għall-fatt li l-municipalitā ta' Busto Arsizio naqset milli tagħmel sħarriġ tal-impatt ambjentali fir-rigward tal-pjanijiet ta' żvilupp li għandhom jiġu implimentati sa tmiem Marzu 2010 u jitlob biex dan l-istudju jsir qabel din id-data. Madankollu, l-awtoritajiet muniċipali injoraw it-talba tiegħu. Il-petizzjonant jixtieq jiġi infurmat u kkonsultat dwar il-pjanijiet, filwaqt li f'dan ir-rigward jirreferi għad-Direttivi 2001/42/KE u 2003/35/KE u d-dritt tiegħu għall-informazzjoni skont it-Trattat ta' Aarhus. Huwa jitlob lill-Parlament Ewropew biex jiġi garantixxi d-drittijiet ta' ċittadini individwali għall-aċċess għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-22 ta' Marzu 2010. Informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 202(6).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Id-Direttiva 2001/42/KE<sup>1</sup> dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (magħrufa bħala d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika jew id-Direttiva SEA) tapplika għal pjanijiet u programmi inkluż fl-oqsma tal-ippjanar tal-bliet u l-kampanja jew l-użu tal-art, u li stabbiliet il-qafas għall-kunsens futur tal-iżvilupp ta' proġetti

<sup>1</sup> ĠU L 197, 21.07.01, p.30

elenkati fl-Annessi tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE<sup>1</sup> (magħrufa bħala d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali jew id-Direttiva EIA).

Peress li l-petizzjoni tressqet lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni sabet informazzjoni fuq l-internet li l-proċedura SEA tnediet fl-24.02.10 u s-sejħa għall-offerta għat-tħejjija tar-rapport SEA kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Italja fil-05.03.10<sup>2</sup>.

Hu importanti li jiġi nnutat li l-parteċipazzjoni pubblika maħsuba fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/35/KE<sup>3</sup> mhuwiex meħtieġ meta parteċipazzjoni pubblika titwettaq skont id-Direttiva 2001/42/KE (ara l-Artikolu 2, paragrafu 5 tad-Direttiva 2003/35/KE).

### Konklużjoni

Il-Kummissjoni ma tista' ssib l-ebda evidenza ta' ksur tal-liġi ambjentali tal-KE skont l-elementi mressqa f'din il-petizzjoni u fl-iżviluppi sussegwenti.

---

<sup>1</sup> ĠU L 175, 5.7.1985, p.40; ĠU L 73, 14.3.1997, p.5; ĠU L 156, 25.6.2003, p.17; ĠU L 140, 5.6.2009, p.114

<sup>2</sup> Ġurnal Uffiċjali – Il-Ħames Serje Speċjali – Kuntratti pubbliċi, nru 25, sena 151, 05.03.10, p.49

<sup>3</sup> ĠU L156, 25.06.2003, p. 17